



Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

2015/2104(INI)

24.9.2015

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar ir-rwol tal-UE fin-NU - kif jistgħu jintlaħqu aħjar l-objettivi tal-UE fil-qasam tal-politika barranija

(2015/2104(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Ryszard Czarnecki

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv (FAFA) bejn l-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti (2003) u l-Addendum Nru 1 (2014) tiegħu,
 - A. billi l-2015 hija sena iebesha għad-definizzjoni mill-ġdid tal-mod kif l-atturi u l-istituzzjonijiet globali jaħdmu flimkien, billi jiġu definiti forom ġodda ta' momentum u *modus operandi*, b'mod partikolari sabiex jinkisbu riżultati aħjar mill-impenji relatati mal-politiki esterni tal-UE;
 - B. billi l-UE kiseb riżultati tajbin fil-qasam tal-kooperazzjoni internazzjonali fl-indirizzar ta' sfidi globali u fl-għoti ta' appoġġ għall-iżvilupp u għajjuna umanitarja lil ħafna partijiet tad-dinja;
 - C. billi l-baġit tal-UE fil-qasam tad-difiża hu sinifikanti, u l-kontribuzzjonijiet finanzjarji tiegħu għall-missjonijiet ta' paċi tan-NU huma konsiderevoli;
 - D. billi l-interventi esterni tal-UE jiġu direzzjonati permezz tal-organizzazzjonijiet internazzjonali li jew jimplementaw il-fondi tal-UE jew jikkofinanzjaw proġetti flimkien mal-UE, inklużi sfidi f'termini ta' superviżjoni u governanza;
1. Jenfasizza l-ħtieġa li ttittejjeb l-effiċjenza, ir-responsabbiltà, l-effikaċja u t-trasparenza tan-NU, speċjalment fir-rigward tal-użu tar-riżorsi tal-UE u l-prestazzjoni fl-implimentazzjoni tal-orjentamenti strateġiċi u l-għanijiet ta' żvilupp li jkun intlaħaq qbil dwarhom fil-livell internazzjonali;
 2. Jappella lill-istituzzjonijiet rilevanti tal-UE u tan-NU jirrispettaw u jimplementaw bis-sħiħ il-Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv (FAFA); jitlob lill-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament dwar l-implimentazzjoni tal-FAFA u l-linji gwida relatati, u biex tidentifika l-oqsma li jeħtieġu titjib u tressaq proposti rilevanti f'dan ir-rigward;
 3. Jemmen li l-approssimazzjoni tas-sistemi ta' governanza rispettivi għandha tiffoka fuq id-definizzjoni u l-iskambju kontinwu ta' Prattiki tajba bil-għan li jiġu stabbiliti prinċipji fundamentali ta' assigurazzjoni simili u sostenibbli bi qbil mar-Regolament Finanzjarju tal-UE; jappella f'dan ir-rigward għal ftuħ fuq iż-żewġ naħat, sabiex l-awdituri jkun jistgħu jkissbu aċċess dettaljat għall-kontijiet tan-NU;
 4. Ifakkar li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha huma kollettivament l-akbar donatur finanzjarju għall-baġit tan-NU; jinsisti, għaldaqstant, fl-ispirtu tal-inizjattiva "Magħqudin fl-Azzjoni" (mexxej wieħed, baġit wieħed, programm wieħed, uffiċċju wieħed), fuq il-ħtieġa li jiġu żgurati livell oġhla ta' viżibbiltà għall-finanzjament tal-UE mwassal permezz tan-NU, kif ukoll użu effiċjenti ta' dawn il-fondi; jesiġi li n-NU u l-Kummissjoni jżommu lill-Parlament Ewropew kompletament informat dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjonijiet tal-UE min-naħa tan-NU;

5. Jinkoraġġixxi lin-NU u lill-istituzzjonijiet rilevanti tagħha jkomplu japprofondixxu l-kooperazzjoni tagħhom mal-UE b'mod li jitqarrbu kontinwament iż-żewġ mekkaniżmi ta' governanza permezz, *inter alia*, tal-iżvilupp kontinwu ta' sistemi eżawrjenti u sodi ta' monitoraġġ, rappurtar u kontroll; ifakkar li l-kooperazzjoni strutturata bejn l-UE u n-NU hija l-unika mezz effiċjenti biex jiġi evitat l-użu ineffikaċi ta' fondi u d-duplikazzjoni tal-attivitajiet;
6. Hu tal-fehma li, bħala parti mis-sħubija interistituzzjonali, in-NU u l-UE għandhom itejbu l-metodi tagħhom għall-ġestjoni tar-riskji, is-superviżjoni finanzjarja kumplessiva u l-qafas manijerjali tagħhom, u li l-funzjonijiet ta' awditjar għandhom jikkumparaw id-data, il-metodoloġiji u l-eżiti tagħhom;
7. Jemmen li approċċi innovattivi għall-finanzjament joffru mezz importanti biex jiġu massimizzati d-disponibbiltà u l-impatt tal-finanzjament għall-iżvilupp, billi jidentifikaw għejun ta' finanzjament, mekkaniżmi u strumenti ta' inġinerija finanzjarja ġodda; jikkunsidra, b'mod partikolari, li l-approċċi innovattivi għall-finanzjament jistgħu jużaw il-finanzjament pubbliku biex jgħinu jiġġeneraw flussi ġodda ta' finanzjament u jikkatalizzaw l-investment privat u l-finanzjament tas-suq, kif ukoll jimmassimizzaw l-impatt tal-fondi pubbliċi u privati eżistenti;
8. Japprezza l-fatt li l-indirizzar tal-ġhajjnuna tal-Unjoni permezz tan-NU jippermetti li l-UE tasal fir-reġjuni tad-dinja fejn inkella ma tkunx tista' tasal waħedha; huwa konxju mir-riskju inerenti għoli involut biex titwassal l-ġhajjnuna fir-reġjuni milquta mill-kunflitti; jiddispjaċih, madankollu, li r-rapporti li jsiru lill-Kummissjoni mill-organizzazzjonijiet sħabha fdati bl-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni taħt ġestjoni indiretta ħafna drabi jingħataw tard, ma jkunux kompluti jew ma jkunux orjentati biżżejjed lejn ir-riżultati, biex b'hekk jipprevjenu lill-Kummissjoni milli teżerċita b'mod xieraq il-funzjoni ta' monitoraġġ tagħha;
9. Jilqa', f'dan il-kuntest, il-ftehim reċenti tal-koleġiżlaturi dwar emenda għar-Regolament Finanzjarju, li tobbliga lin-NU u lill-organizzazzjonijiet sħab l-oħra ta' dan it-tip jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe każ ta' irregolarità jew frodi li jsibu li jkun jaffettwa l-baġit tal-Unjoni; jikkunsidra, madankollu, li għandhom jissaħħu l-possibbiltajiet li għandha l-Kummissjoni biex tivvaluta l-korrettezza, l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni indirizzat permezz tan-NU;
10. Jinsisti fuq il-hteġa li jinkiseb l-oġhla livell ta' trasparenza u responsabbiltà istituzzjonali fil-livelli kollha billi jiġi żgurat l-aċċess għal informazzjoni baġitarja u data finanzjarja eżawrjenti u affidabbli relatati mal-proġetti b'finanzjament mill-UE, b'mod li l-Parlament ikun jista' jeżerċita l-funzjoni ta' skrutinju tiegħu; jappella biex tissaħħaħ il-politika ta' divulgazzjoni tan-NU rigward l-intenzjonijiet, il-benefiċjarji u l-finanzjamenti, b'mod partikolari għar-rapporti ta' awditjar u evalwazzjoni tan-NU, bil-għan li jkun hemm amministrazzjoni aħjar tal-fondi tal-UE;
11. Jikkunsidra li l-iżgurar tal-viżibbiltà tal-Unjoni hu xi ħaġa fundamentali, speċjalment fl-inizjattivi kofinanzjati u b'diversi donaturi fejn ikun involut il-finanzjament tal-UE; hu tal-fehma li hemm bżonn li informazzjoni regolari dwar ir-raggruppament ta' fondi (inklużi fondi fiduċjarji) tingħata rapidament peress li l-funġibbiltà u t-traċċabbiltà tal-fondi tal-UE huma kwistjonijiet ewlenin;

12. Jinsisti li l-kooperazzjoni u l-qafas tal-ġejjieni għandhom jinkoraġġixxu u jinċentivaw studju u implimentazzjoni ulterjuri ta' għejun, mekkaniżmi u strumenti innovattivi mill-partijiet interessati rilevanti kollha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-banek multilaterali u donaturi oħra, u jiżguraw li dawn l-għejun ta' finanzjament ġodda jkunu kompletament konformi mal-prinċipji ta' trasparenza, responsabbiltà u effikaċja;
13. Ifakkar li jeħtieġ li n-NU jieħdu l-miżuri xierqa biex jipubblicizzaw il-fatt li l-azzjonijiet ikunu rċevew finanzjament mill-UE, b'mod li tiġi żgurata viżibbiltà u rikonoxximent paragonabbli ma' dawk ta' donaturi internazzjonali oħrajn, filwaqt li jixxerrdu wkoll il-valuri tal-Unjoni kondiviżi bejn l-UE u n-NU, bħall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, it-titjib tal-istandards ambjentali u soċjali, u l-appoġġ kumplessiv għall-iżvilupp sostenibbli kif ukoll għat-tkabbir ekonomiku inklużiv fl-interventi kollha tan-NU;
14. Jenfasizza li l-attivitajiet kofinanzjati kollha jridu jsegwu akkuratament u jkunu konsistenti mal-istrateġija ġenerali u l-oqsma prijoritarji tal-UE, abbażi ta' preferenzi politiċi, kif ukoll ta' kriterji ta' effiċjenza ekonomika u finanzjarja, li għandhom jiġu riflessi fil-prestazzjoni maniġerjali;
15. Jissottolinja l-fatt li l-UE tappoġġa l-kunċett li n-NU jridu jkunu adatti għall-iskop tagħhom, kif ukoll dejjem aktar effikaċi u effiċjenti; jemmen li l-isfidi li qed ifeġġu u dejjem jobbligaw lin-NU jassumu funzjonijiet ġodda, li min-naħa tagħhom se jirrikjedu eżami mill-ġdid tal-governanza u l-modalitajiet ta' finanzjament; jikkunsidra li l-iżgurar tal-ġestjoni tajba tar-riżorsi finanzjarji u l-persunal tan-NU, inkluż fin-negozjati dwar il-baġit regolari tan-NU u l-baġits tan-NU għaż-żamma tal-paċi li jmiss, għandu jkompli jkun prijorità għall-UE;
16. Jappella kemm lill-UE kif ukoll lin-NU jinvolvu ruħhom fl-aħjar koordinament operattiv possibbli f'termini ta' komplementarjetà, sabiex jirriċerkaw b'mod sistematiku l-aħjar opportunitajiet, l-effetti multiplikaturi ottimali u s-sinerġiji għall-appoġġ u l-implimentazzjoni tal-oġettivi tal-politiki tal-UE, b'mod partikolari bejn il-politiki tal-UE dwar l-iżvilupp u oqsma oħra ta' azzjoni esterna bħad-drittijiet tal-bniedem, il-migrazzjoni u r-rifuġjati, is-sigurtà, l-istabbiltà u l-prevenzjoni tal-kunflitti;
17. Jinkoraġġixxi lill-UE u lin-NU jsaħħu, mill-aktar stadju bikri possibbli, l-għarfien espert tagħhom, kif ukoll l-approċċi strateġiċi u programmattivi tagħhom fid-diversi oqsma ta' intervent, u b'mod partikolari, il-kooperazzjoni tagħhom fir-rigward tal-istrumenti għall-ġestjoni tar-riskji (riskji finanzjarji, operattivi jew tal-pajjiż), b'mod li l-għajnuna tiġi indirizzata fejn tkun l-aktar meħtieġa; jappella biex jiġu applikati b'mod xieraq kundizzjonalitajiet stretti, b'mod partikolari l-preżenza jew l-iżvilupp ta' indikaturi ta' governanza tajba fis-settur pubbliku fil-pajjiżi sħab;
18. Ifakkar li l-prinċipju tal-valur miżjud japplika wkoll għall-finanzjament tal-UE għall-attivitajiet tan-NU, u jappella lill-Kummissjoni biex tirrapporta b'mod sistematiku u fid-dettall dwar x'valur miżjud iġib miegħu kull finanzjament ta' dan it-tip meta mqabbel ma' finanzjament dirett mill-Istati Membri u jekk l-UE u/jew l-Istati Membri jassumu huma nnifishom r-responsabbiltà li jwettqu l-attivitajiet ikkonċernati;
19. Jemmen li l-approċċ orjentat lejn ir-riżultati, fid-dawl tal-attenzjoni mogħtija lill-prestazzjoni tal-għajnuna tal-Unjoni, għandu jittejjeb permezz tal-introduzzjoni ta' qafas għar-responsabbiltà u l-kejl tar-riżultati li jippermetti l-valutazzjoni tas-solidità tal-proġetti

f'termini ta' sostenibbiltà ekonomika u soċjali, kif ukoll l-evalwazzjoni tal-proġetti f'termini ta' effikaċja u effiċjenza;

20. Jappoġġa djalogu permanenti dwar il-kwalità u s-sostenibbiltà tar-riżultati miksuba fi ħdan is-sħubija NU-UE, marbut ukoll mal-kwistjoni ġenerali tal-konsistenza u l-koerenza tal-interventi; jikkunsidra li l-indikaturi tar-riżultati u l-konverġenza tagħhom għandhom jiġu żviluppati ulterjorment sabiex tizzied l-effikaċja tal-proġetti, jiġi żgurat valur miżjud reali u jinkiseb impatt akbar fil-qasam tal-iżvilupp;
21. Jissottolinja, bħala prinċipju fundamentali, l-importanza għall-UE tal-politika ta' tolleranza żero fil-konfront tal-frodi u l-korruzzjoni u t-tisħiħ tar-regoli dwar l-integrità u l-etika; jinkoraġġixxi l-approfondiment tar-relazzjoni tal-istituzzjonijiet u l-korpi tan-NU mal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) billi jadottaw il-linji gwida tal-OLAF dwar l-iskambju ta' informazzjoni u strateġiji.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	22.9.2015
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 26 -: 2 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Nedzhmi Ali, Louis Aliot, Inés Ayala Sender, Zigmantas Balčytis, Ryszard Czarnecki, Dennis de Jong, Tamás Deutsch, Martina Dlabajová, Jens Geier, Ingeborg Gräßle, Rina Ronja Kari, Verónica Lope Fontagné, Monica Macovei, Dan Nica, Georgi Pirinski, Petri Sarvamaa, Claudia Schmidt, Igor Šoltes, Bart Staes, Marco Valli, Derek Vaughan, Anders Primdahl Vistisen
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Richard Ashworth, Cătălin Sorin Ivan, Karin Kadenbach, Marian-Jean Marinescu, Markus Pieper, Julia Pitera, Miroslav Poche, Patricija Šulin
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Raymond Finch